# XEWQAT TA' HENA

*(Qabel iż-Żwieġ ta' Nancy u Wallace)*

*Ta'* RUŻAR BRIFFA

Versi ta' Ferħ lis-Sinjurına NANCY JO BORG, B. Pharm., u Dr. WALLACE PHILIP GULIA, LL.D., M.A. (Adm.), B.A., B.Sc., D.P.A.

Jiena dort il-ġonna kollha
Illi jsebbħu l-Gżira tagħna,
Shart niġġerra ma' l-iljieli,
Bosta nkwejt taħt xemx setgħana.

U għalkemm għotort bil-għeja,
U għalkemm herrejt 'l għajnejja,
Ma waqaftx mill-mixja twila
Għax xbihatkom imxiet ħdejja.

Warda waħda, warda sbejħa,
Warda tfewwaħ b'nifs ir-riħ,
Li mix-xemx redgħet is-sħana
U mill-qamar il-mistrieħ......

Kemm fittixtha din il-warda
Halli tfewwaħ it-tieġ tagħkom,
Bla tidbiel, bla tmut 'mma dejjem
Tibqa' tgħix għal dejjem magħkom.

Ma sibthiex matul il-ġonna......
Nibtet f'daqqa ġewwa qalbi
Din il-warda tant mixtieqa:
Ommha l-ħolm, u l-missier talbi.

Jalla qatt ma titilfuha
Tul il-medda tat-triq tagħkom.
Halli nħoss l-għeruq ta' qalbi
Marbutni għal dejjem magħkom.